

[Paġna Ewlenija](#) > Regoli rilevanti oħra dwar appelli, rimedji u aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

Regoli rilevanti oħra dwar appelli, rimedji u aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

L-unika triq legali li tista' tintuża meta l-istat jonqos milli jipprovi aċċess adegwat għall-ġustizzja hija li jsir rikors għal ksur tad-drittijiet umani. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni lis-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali, fejn il-Qorti saħqet illi l-istat għandu l-obbligu jissalvagwardja id-dritt tal-ħajja tal-bniedem u li ma jkunx soġġett għall-vjolenza domestika[1]. Il-Qorti iddikjarat f'dan il-każ illi l-mara ma kellhiex rimedju effettiv. Dan ir-raġġunar jista' jiġi estiż possibilmment għall-kamp ambjentali permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa tad-dritt ta' ħajja u d-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta u ħajja tal-familja.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' sanzjonijiet fejn jidħlu non osservanza ta' sentenzi u ordnijiet tal-Qrati, hemm l-Art 997 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12). Dan jiddikjara li azzjoni jew omissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, wieħed jista' jeħel sa xahar ħabs u multa minn (232.94 ewro) sa mhux aktar minn (2,329.37 ewro) jew it-tnejn.

[1]<https://timesofmalta.com/articles/view/state-found-guilty-of-failing-to-protect-woman-from-abuse.783923>

L-aħħar aġġornament: 28/07/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.